Minuti tal-laqgħa numru tnejn u sebgħin (72) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar l-Erbgħa, 3 ta' Jannar 2024 fis-6.00pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, fi 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Sandro Craus | Sindku |
| | Is-Sur Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sur Kris Grech | Kunsillier |
| | Is-Sa Doris Coleiro | Kunsillier |
| | Is-Sur Norbert Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Rudolph Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv |
| SKUŻATA: | Is-Sa Janice Busuttil | Kunsillier |

72.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija** — Ittra ta' apoloġija u presedenzatal-laqgħa

Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba. Ma' dawn il-minuti hemm it-talba tal-apoloġija tas-Sa Janice Busuttil li ġiet milqugħa.

69.16 **Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart 2023** — Rapport Finanzjarju

Ir-Rapport Finanzjarju tat-Tielet Kwart 2023 ma kienx ikkunsidrat. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-ħlasijiet dovuti lill-Bonnici Bros m'għandhomx ikunu inkluzi f'dan ir-rapport li juri li hemm –3% tal-FSI. Għadaqstant hu xtaq li jkun rivedut mill-Accountant tal-Kunsill.

72.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru wieħed u sebgħin (71)** — Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa numru wieħed u sebgħin kienu kkunsidrati bħala moqrija. Dawn kienu mqassma mal-agenda. Is-Sur Nazju Cassar ippropona illi jkun hemm korrezzjoni li għaliha ma kienx hemm oġġezzjoni mil-kunsillieri. Din saret skont kif tidher fil-kopja tal-minuti oriġinali u inizjalata dwar 'tal-Ħamri'

72.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 354 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 73** — Skedi ta' pagamenti u xiri

L-iskedi tal-pagamenti numru 354 u dik tax-xiri ta' provisti u servizzi numru 73 kienu approvati b'vot unanimu u ġew iffirmati.

72.04 **Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

72.04.01 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus talab lill-kunsillieri sabiex issir laqgħa apposta mas-Sur Joseph Scerri dwar il-proġett ta' monument f'Ġieħ il-mibkija it-Tabib Daniel Micallef u n-Nutar Tony Abela nhar l-10 ta' Jannar 2024 fil-Muniċipju fis- 6.00pm — Laqgħa mas-Sur Joseph Scerri

72.04.02 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar it-tender li ħareġ il-Kunsill Lokali tar-Rabat kien hemm diskussjoni dwar jekk din — Web site

tistax tkun integrata mas-Servizzi li joffri l-Kunsill. Is-SE spjega illi din kienet skema speċifikament dwar miżura li dħalna għaliha minħabba programm LEADER tal-Unjoni Ewropeja biex tippromwovi speċifikament il-Bażilika ta' San Pawl u l-Grotta, il-Knisja u l-kunventi: ta' Ġiezu, San Franġisk, San Mark, San Duminku u l-Kripta, il-Katakombi u l-iskola ta' Sant Agatha, is-Seminarju tal-Virtù u il-Katakombi ta' San Pawl, San Katald, d-Domus Romana, in-niċċa ta' San Pawl, il-Loġġa tal-Palju, Santu Spirtu, u l-Muzew ta' Wignacourt1.

72.04.03 Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus, talab lis-SE sabiex issir talba lill-Infrastructrure Malta biex isir railing għall-ilqugħ fl-Imtahleb. Ilqugħ fl-Imtaħleb

72.05 **Kawża minn Bonnici Bros – Kont ta' Xogħlijiet ta' qatran u self ta' flus mingħajr interessi mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali biex jitħallas l-ammont** €290,000

Ix-xogħlijiet ta' l-Imtaħleb u ta' Koronja bil-qatran minn Bonnici Bros kienu diskussi fit-tul. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus spjega illi l-istess Bonnici Bros għamlilna Mandat ta' Sekwestru. Il-BOV żamm għandu l-istess ammont wara li ħadhom mil-kontijiet tal-Kunsill. Għaldaqstant iltqajna kemm ma' Bonnici Bros privatamenti u fil-Qrati ta' Malta kif ukoll mad-Direttur tad-Divizjoni tal-Gvern Lokali. Dawn naqqsulna €60,000 għaliex insew li kien hemm il-Contract Management Fee li semma' l-istess avukat tagħna fil-Qrati wara li kienu miġjuba għall-attenzjoni tiegħu mis-SE. Dan is-self mid-Dipartiment Gvern Lokali se jkun mingħajr interessi.

** **Is-Sur Chris Farrugia skuża ruħu għaliex kellu jħalli l-kamra fis-7.30pm**

72.06 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż minn Dr Alicia Borg LLD għal Sean Bugeja** Talba għal refużjoni

Il-każ seħħ fi Triq Għajn Qajjet fuq tappiera. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul dan il-fatt li se jkun kontestat għaliex din hija triq arterja skont il-lista ta' Trasport Malta.

72.07 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż minn Lawrence Pisani** Talba għal refużjoni

Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddiskuta dan il-każ li seħħ fuq tappiera tal-ilma fi Vjal il-Ħaddiem. Din ukoll hija triq arterja għaliex minnha jgħaddi t-trasport pubbliku.

72.08 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż mil-Qrati ta' Malta għall-inċident ta' Annabelle Micallef** Talba għal refużjoni

Kien deċiz illi peress li t-talba hija indirizzata mhux biss lill-Kunsill iżda wkoll lill-entitajiet oħra, se naraw kif se jiżvolġi.

72.09 **Talba għal refużjoni ta' spejjeż minn Simon Muscat** Talba għal refużjoni

Kien diskuss il-każ li seħħ fuq tappiera fi Triq Għajn Qajjet. Din it-tappiera tinsab fi triq arterja u għaldaqstant it-talba se tkun kontestata.

**

**Rudolph Grima daħal għal-laqgħa fis-7:45pm**

72.10 **Performance Bonus tal-Impjegati għas-sena 2023** Performance Bonus

Il-Kunsill iddiskuta l-performance tal-impjegati. Kien deċiż illi s-Sa Roberta Galea, is-Sa Fabienne Vassallo, is-Sa Shirley Bonanno, is-Sa Caroline Farrugia, u s-Sa Naiomi Bugeja Micallef jingħataw 6% tal-performance bonus, filwaqt li s-Sur Anthony Bonello jingħata l-15%. Dan ikun irid jgħaddi d-dokument li jrid jiġi approvat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali

72.11 **Talba għal tiġdid tal-Vacation Leave tal-impjegata is-Sa Naiomi Bugeja Micallef** Tiġdid ta' Vacation Leave

It-talba kienet milqugħa unanimament u l-Vacation Leave tas-Sa Naiomi Bugeja Micallef se jkun imġedded mis-sena 2023 għall-2024.

72.12 **Internet Key (non-signatory) addizzjonali fuq is-Sa Roberta Galea** Internet Key addizzjonali

Kienet milqugħa t-talba biex is-Sa Roberta Galea jkollha Internet Key oħra u tkun (non signatory). Għaldaqstant se ssir it-talba lill-Bank of Valletta li jridu kopja ta' dawn il-minuti li juru d-deċiżjoni tal-Kunsill Lokali tar-Rabat.

72.13 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Budget 2024** Budget 2024

Il-Budget 2024 kien ikkunsidrat. Dan kien approvat b'vot unanimu filwaqt li s-Sindku saħaq fuq dixxiplina fiskali biex ma nonfqux aktar milli qed niġġeneraw dħul.

72.14 **Proġett CERV** Proġett CERV

Dwar dan il-proġett, is-SE spjega illi kienet opportunità illi fil-vakanzi tal-Milied napplikaw biex nieħdu sehem f'dan it-tisħib ma pajjiżi oħra. Infatti hemm opportunità ta' safar bejn l-1 u l-4 ta' Frar 2024 biex il-lead partner ta' Santiago (Santa Maria di Comba) jiltaqgħu ġewwa Spanja. Għal dan is-safar se jmorru is-Sindku tar-Rabat, is-Sur Sandro Craus u s-Segretarju Eżekuttiv li għandu rwol ukoll ta' LEAR. Is-Sindku u l-kunsillieri talbu aktar informazzjoni dwar il-ħlasijiet speċjalment dwar l-obbligu li għandna li nospitawhom ġewwa ir-Rabat f'Diċembru 2024.

72.15 **Punti Oħra**

72.15.01 Is-Sur Matthew Chetcuti fakkar lis-SE biex jiġi miżbuħ double yellow line f'kantuniera fi Triq Muscat Azzopardi. Double Yellow Line

72.15.02 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq in-niċeċ tar-Rabat. Hu qal li dawn hemm bżonn li jiġu miżbugħa għaliex wara li tqaxxru kull niċċa li hawn, issa kien stabbilit li dawn qed tmurilhom il-patena u jkunu aktar sussettibbli għall-erużjoni. Dwar dan is-suġġet kien deċiż li niltaqgħu mas-Sur Tony Terribile biex l-istess niċeċ jiġu dokumentati. Niċeċ

72.15.03 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq kaxxa safra fi Vjal Santu Wistin biex din minn waħda dotted tiġi b'line kontinwu. Parkeġġ fi Vjal Santu Wistin

72.15.04 Is-Sur Rudolph Grima saħaq biex fil-post fi Pjazza Santu Wisin li nħaraq litter bin, jerġa' jkun imwaħħal wieħed ġdid. Litter Bin fi Pjazza Santu Wistin

72.15.05 Is-Sur Rudolph Grima tkellem fuq il-Festa ta' San Anton Abbati. Is-SE informa lill-Kunsill illi fl-istess ġurnata filgħodu hemm ukoll applikazzjoni mill-Assoċjazzjoni Publiju ta' Malta biex jitilgħu b'marċ u purċissjoni mill-Imdina għal Triq San Pawl u jaslu quddiem il-Bażilika ta' San Pawl. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat iddeċieda illi mhux se jikkonċedi dan il-permess. Festa San Anton Abbati

72.15.06 Is-Sur Rudolph Grima ippropona illi lejlet Ħadd il-Palm il-Kor Sancte Caterina jkanta A Capella f'sebgħa knejjes: 15-il minuta f'kull knisja. Is-Sa Doris Coleiro qalet illi dak in-nhar is-soltu jkun hemm il-kunċert tal-Banda Konti Ruġġieru. Il-Kunsill għaldaqstant se jkun qed jippjana laqgħa mal-Każini tal-Banda dwar l-attivitajiet kollha marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira u l-Għid il-Kbir 2024. Kor Sancte Caterina

72.15.01 Is-Sur Nazju Cassar talab sebgħa jardi konkos f'Ta' Bona F/H fi Triq tal-Isqof għaliex bl-ilma tax-xita ma fadalx aċċess adekwat għal dawn il-bdiewa. Talba għall-konkos f'tal-Isqof

72.16 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa spiċċat fit-20:35 u l-Kunsill Lokali tar-Rabat se jżomm l-ewwel laqgħa tiegħu nhar is-7 ta’ Frar 2024.

**(IFFIRMATA)** **(IFFIRMATA)**

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 7 ta’ Frar 2024 minn Sandro Craus

Segretarju Eżekuttiv Sindku